**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 55/2021 RM**

1. **Awtorita' għat-Trasport f'Malta**
2. **Pierre Montebello**

**-Vs-**

**Joseph Emanuel Galea**

**Illum, 29 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u minn Pierre Montebello fir-Reġistru fil-11 ta' Marzu 2021 fejn talbet illi l-konvenut, Joseph Emanuel Galea jiġi kkundannat iħallsu dik is-somma li tiġi likwidata bħala danni morali a tenur tal-artikolu 9 tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta prevja dikjarazzjoni illi, permezz ta; diversi kitbiet minnu pubblikat kemm permezz ta' emails u kif ukoll permezz ta' mezzi ta' media socjali, l-intimat immalfama liż-żewg rikorrenti jew minn minnhom b'diversi kliem fosthom 'ingann kbir hemm taħt Pierre Montebello' bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunta għas-subizzjoni u b'riżerva

għall kull azzjoni oħra spettanti lir-rikkorenti jew min minnhom skond il-liġi inkluż it-teħid ta' proċeduri kriminali fuq theddid u/jew ingurji.

Rat ir-Risposta ppreżenta mill-konvenut fil-21 ta' Lulju 2021 fejn ġie eċċepit:-

a. *"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-meritu, it-talbiet atturi kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.*

b. *Preliminarjament, l-attur ghandu jindika b' mod precis liema brani jqis malafamanti.*

c. *Illi fit-tieni lok u in linea preliminari, l-azzjoni tal-atturi rikorrenti hija nulla ghaliex l-kummenti allegatament malafamanti w/jew libelluzi ma sarux fuq midja kif definit fil-Kap. 579 ta' Malta w l-anqas ma jikkostitwixxi/u midja miktuba w/jew pubblikazzjoni ghal fini tal-ligi.*

d. *Illi fit-tielet lok m'hemmx jew ma kien hemm xejn libelluz jew malafamanti fil-konfront tal-atturi rikorrenti kif allegat stntte li l-fatti huma sostanzjalment veri kif ser jigi ippruvat.*

e. *Illi fir-raba lok, u f'kull kaz, il-kummenti tal-eccipjent jikkonsistu 'fair comment' u /jew opinjoni onesta li hi permissibli mill-ligi.*

f. *Illi allacjat mas-suespost, dak miktub kien ta' interess pubbliku u l-esponent kien qed ikun verament responsabbli billi jqajjem u kixef sitwazzjonijiet serji, gravi, ta' importanza pubblika ghal kollox inacettabli f'socjeta demokratika li kienu qed jikxfu n-nuqqasijiet lampanti li kellhom jigu imharsa imma ma kienx il-kaz.*

g. *Illi fil-hames lok, dak indikat mill-esponenti jikkonsisti f' kumment/i gusti w hija analizi valutattiva tal-operat tal-Awtorita w min jahdem fl-Awtorita bhala 'competant authority' li wara kollox, jaqa' fid-dominju pubbliku.*

h. *Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dak lamentat mir-*

*rikorrenti jikkonsistu biss f'fatti verifikabbli u/jew kwistjonijiet li vera qeghdin isiru kif ser jigi ippruvat. Barra min hekk dan id-diskors ghandu jigi meqjus bhala diskors accettabbli f' socjeta demokratika u ezercizzju tal-liberta tal-espressjoni sancita, inter alia mill-kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li tindika l-importanza tal-istampa hielsa.*

*i. Salv eccezzjonijiet ulterjuri"*

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021 fejn wara li semgħet lill-partijiet, ordnat is-smigħ tal-provi stante li ma rriżultax li l-vertenza tista' tiġi riżolta bi proċess ta' medjazzjoni;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tad-19 ta' April 2023 fejn ordnat illi l-provi li tressqu fil-kawza Rikors Numru 139/2020 jgħoddu wkoll bħala prova f'din il-kawza;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta fit-30 ta' Ottubru 2023 kif awtorizzat b'digriet mogħti fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenut fil-15 ta' Frar 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) fejn il-persuni aggravati huma l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u Pierre Montebello,

Chief Officer tal-Land Transport Directorate, filwaqt li l-konvenut huwa persuna li allegatament kiteb stqarrijiet malafamanti fil-konfront tagħhom.

Bħala retroxxena, skont kif jirriżulta mix-xhieda u l-provi proċesswali, il-konvenut ħassu aggravat minħabba r-rifjut tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li, wara disa' snin jopera n-negozju tiegħu ta' burdnar skont il-liġi, iddeċidiet li ma tawtorizzax il-ħruġ ta' liċenza ta' HQ plates għall-vetturi tan-negozju tiegħu. Skont il-konvenut, l-Awtorita' bidlet il-mod kif kienet tinterpreta l-liġi taħt ir-regolament 31 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 b'rabta mat-tifsira li tal-kelma 'burdnar' għall-fini tal-ħruġ tal-liċenza għal HQ plates, u bdiet miexja b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu meta bdiet tinsisti li għandu qabel xejn jikseb awtorizzazzjoni mid-Dwana. Il-konvenut ma jaqbilx li jeħtieġ din l-awtorizzazzjoni addizzjonali, u jinsisti li huwa jikkwalifika għal-liċenza mitluba minnu għaliex huwa diġa' liċenzjat mill-Awtorita' biex jopera bħala operatur għall-ġarr stradali ta' merkanzija għal operazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll għall-ġarr stradali ta' merkanzija internazzjonali u fil-fatt huwa reġistrat mal-Awtorita' bħala *haulier*. Isostni li minħabba r-rifjut tal-Awtorita' li tapprova l-ħruġ tal-liċenza għal HQ plates għall-vetturi tan-negozju tiegħu, ilu jiġi mwaqqaf għal diversi snin milli jkompli jopera n-negozju u sofra danni u telf sostanzjali.

Inħoloq diżgwid mal-Awtorita' ukoll b'rabta ma' vetturi oħrajn tal-konvenut fejn jakkuża lill-Awtorita' li ħolqot intoppi deliberatament biex ma jinqediex, kif ukoll jakkużaha b'diversi irregolaritajiet fis-sistema tagħha u b'abbuż tal-poteri tagħha.

Jidher li l-konvenut kien jipprova jikkomunika fuq bażi regolari ma' uffiċjali tal-Awtorita' in konnessjoni ma' dawn il-kwistjonijiet, anke permezz ta' telefonati u emails, iżda jsostni li kien qed jiġi injorat.

Il-Qorti fehmet illi kien tabilħaqq f'dan l-isfond ta' diżgwid kif ukoll ta' frustrazzjoni da parti tal-konvenut, li ħassu ferm aggravat bl-aġir tal-Awtorita' fil-konfront tiegħu, li huwa ppubblika l-istqarrijiet li ġew impunjati mill-Awtorita' f'din l-azzjoni.

Skont l-Awtorita’ attriċi, kif jinsab premess fir-Rikors promotur, l-istqarrijiet li huma diffamatorji fil-konfront tagħha, fosthom il-kliem “*ingann kbir hemm taħt Pierre Montebello*”, ġew ippubblikati permezz ta’ *emails* kif ukoll permezz ta’ midja soċjali. Madankollu, dawn l-*emails* u l-pubblikazzjonijiet fuq midja soċjali ma ġewx prodotti/annessi flimkien mal-istess Rikors promotur u l-Awtorita’ naqset ukoll milli tindika d-data tal-pubblikazzjonijiet allegatament malafamanti.

**Din il-Qorti diversi drabi riteniet illi l-pubblikazzjonijiet impunjati bħala libelluzi għandhom jiġu identifikati espressament fl-att promotur tal-azzjoni u mhux permessibbli għall-persuna aggravata li matul il-kors tal-proċeduri tipprova timpunja pubblikazzjonijiet oħrajn mhux imsemmija fir-Rikors promotur u li ma jkunux ġew identifikati u impunjati bħala libellużi, u ma jifformawx parti mit-talba**.

Fil-każ in diżamina, in sostenn tat-talbiet tagħhom l-atturi esibew biss, flimkien mal-Affidavit ta’ Pierre Montebello, pubblikazzjonijiet allegatament fuq Facebook (Dok. PM1), mhux datati, iżda b’indikazzjoni mill-atturi li l-pubblikazzjoni saret għall-ħabta tad-9 ta’ Marzu 2021 jew 9 ta’ April 2021[1], fejn ċertu Joseph Galea ddikjara, b’risposta għall-*post* ta’ ċertu Conrad Axiaq[2]:-

“*Bil-provi ħabib. Ingann kbir hemm taħt Pierre Montebello*”

L-atturi pproduċew dikjarazzjoni oħra ppubblikata minn Joseph Galea, allegatament fl-10 ta’ Novembru 2020[3] fejn qal:-

“*Pierre Montebello jikser il-liġi 368.02 dwar in-number plates tal-burdnara. Tgħid kif ser jixhed il-qorti? Diskriminazzjoni u tal-mistħija.*”

---

[1] Ara Dok. PM2, paġna 16 tal-atti proċesswali.
[2] “*Aħjar taraw it-taħwid ta’ dokumentazjoni li hemm u min qed jiffalsifika d-dokumenti*”.
[3] Ara Affidavit ta’ Pierre Montebello u Dok. PM1, paġna 15 tal-atti proċesswali.

Il-Qorti sejra tiffoka l-istħarriġ tagħha esklussivament fuq l-istqarrija msemmija espressament fir-Rikors promotur "*Ingann kbir hemm taħt Pierre Montebello*" għaliex hija biss din l-istqarrija li saret riferenza għaliha fir-Rikors promotur. L-istqarrija ippubblikata fl-10 ta' Novembru 2020 m'hijiex sejra titqies mill-Qorti bħala waħda li tifforma l-mertu tal-azzjoni odjerna stante li ma ġiet identifikata bl-ebda mod fir-Rikors promotur, la in kwantu l-kliem malafamanti u lanqas id-data tal-pubblikazzjoni u kif diġa' ngħad, mhux permess li jiġu introdotti fi stadju ulterjuri tal-proċediment, stqarrijiet u dikjarazzjoniijiet biex jiġu impunjati bħala diffamatorji, meta dawn ma ġew bl-ebda mod identifikati bħala parti mit-talba fir-Rikors promotur meta dan ġie notifikat lill-konvenut u meta l-konvenut ġie biex jikkontesta t-talba.

Pierre Montebello xehed illi l-konvenut fid-9 ta' April 2021 ippubblika s-segwenti dikjarazzjoni:-

"*Dan ic-Chief Officer qied jikser il ligi 368.02. Tal mistħija Steph.*"

Din l-istqarrija pubblikata fid-9 ta' April 2021, ukoll għandha tiġi eskluża mill-istħarriġ tal-Qorti anke għaliex din ġie ippubblikata wara li dawn il-proċeduri ġew istitwiti u għalhekk hu ovvju li ma setgħetx tkun fil-mira ta' din l-azzjoni għal malafama, għalkemm dan ma jfissirx li din ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni għall-fini li tiġi stabbilita t-tifsira malafamanti jekk naturalment jikkonkorru l-elementi meħtieġa biex din titqies bħala relevanti.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi f'din l-azzjoni għal malafama qed jitolbu l-ħlas skont l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ("l-Att"), ta' danni għal allegat malafama li saret bl-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut fuq Facebook. Dawn il-pubblikazzjonijiet, skont l-atturi, huma diffamatorji.

Il-konvenut fil-paragrafu 'c' fir-Risposta tiegħu, eċċepixxa n-nullita' tal-azzjoni attriċi għaliex "*il-kummenti allegatament malafamanti u/jew libellużi ma sarux fuq midja kif definit fil-Kap. 579 ta' Malta u lanqas ma jikkostitwixxu midja miktuba u/jew pubblikazzjoni għall-fini tal-liġi.*"

Bla tlaqliq jingħad illi din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba.

Biex kliem malafamanti jitqiesu bħala libell jew inġurja, jeħtieġ li l-kliem jiġi ppubblikat, u għalhekk, il-pubblikazzjoni hija element essenzjali tal-malafama. Effettivament, biex tkun azzjonabbli taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), jeħtieġ illi l-malafama ssir permezz ta' att li bih (i) kitba jew stampat, cioe` midja mitkuba, "*tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni*" (dan jagħti lok ghal azzjoni ta' libell), jew (ii) kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati (dan jagħti lok għal azzjoni għal inġurja).

'*Midja miktuba*', skont l-Artikolu 2 tal-Att, tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz, kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi, u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti.

Minn dan isegwi illi stqarrijiet li jsiru bil-miktub fuq pjattaforma aċċessibbli għall-pubbliku bħalma huwa Facebook, li huwa mezz ta' komunikazzjoni elettronika *online* fejn allura l-element tat-tixrid huwa sodisfatt, jaqgħu fid-definizzjoni ta' midja mitkuba u konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3 tal-Att, għandhom ikunu meqjusa bħala ppubblikati.

Wara kollox, kif ritenut awtorevolment mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

"*As the Court has previously held, in the light of its accessibility and its capacity to store and communicate vast amounts of information, the Internet, which includes blogs and social media (see Magyar Helsinki Bizottság v. Hungary [GC], no. 18030/11, § 168, 8 November 2016), plays an important role in enhancing the public's access to news and facilitating the dissemination of information in general (see Delfi AS, cited above, § 133). However, while user-generated expressive activity on the Internet provides an unprecedented platform for the exercise of freedom of expression, alongside these benefits certain dangers may also arise. Defamatory and other types of clearly unlawful speech, including hate speech and speech inciting violence, can be disseminated like never before (ibid., § 110; Savva Terentyev v. Russia, no. 10692/09, § 79, 28 August 2018; and Savcı Çengel v. Turkey (dec.), no. 30697/19, § 35, 18 May 2021)*"[4].

Ukoll:-

"*1. The Court reiterates that owing to its accessibility and capacity to store and communicate vast amounts of information, the Internet has now become one of the principal means by which individuals exercise their right to freedom of expression and information. The Internet provides essential tools for participation in activities and discussions concerning political issues and issues of general interest, it enhances the public's access to news and facilitates the dissemination of information in general.*"[5]

Insenjament li ma jħalli l-ebda dubju li stqarrijiet u dikjarazzjoni li jixxerrdu permezz ta' pjattaforma elettronika bħalma hija Facebook – il-pjattaforma tal-midja soċjali li fuqu, skont l-atturi, ġew ippubblikati l-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża - jikkostitwixxu midja miktuba pubblikata u jekk dawn ikunu diffamatorji, ikunu wkoll azzjonabbli bħala libell taħt l-artikolu 3 tal-Att.

[4] **Sanchez v. France**, deċiża 2.9.2021 (mhux finali: il-każ ġie riferut lill-Grand Chamber fis-17.1.2022).
[5] **Vladimir Kharitonov v. Russia** – deċiża mill-QEDB 23.6.2020.

Ikkunsidrat;

Illi kif jipprovdi l-artikolu 3(4) tal-Att, stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. L-istess dispożizzjoni legali mbagħad tipprovdi li fil-każ li l-persuna aggravata bl-istqarrijiet allegatament diffamatorji, tkun korp li jopera għal profitt, il-ħsara lir-reputazzjoni ma titqiesx li hija ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.

Hawnhekk il-Qorti minnufih tirraviża ostakolu, fil-fehma tagħha insormontabbli, għall-azzjonabbilita' tal-allegat malafama mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta. Għandu jingħad illi l-għan tal-azzjoni għal malafama hu biex il-persuna aggravata tivvindika l-ħsara kkaġunata lir-reputazzjoni tagħha b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet allegatament diffamatorji, u dan bil-likwidazzjoni ta' danni morali biex jikkumpensaw għal dik il-ħsara jew, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, għal telf finanzjarju serju.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-persuna aggravata b'dawn l-istqarrijiet hi l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta, li hija korp stabbilit bil-liġi biex jaġixxi tar-regolatur tas-settur tat-trasport f'Malta u biex b'mod ġenerali, jimplimenta l-istrateġiji, objettivi u l-politika tal-Gvern fis-settur tat-trasport. Fil-fatt, l-artikolu 5(4) tal-Kap. 499 jiddisponi li:-

'*Fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att, l-Awtorità għandha tiżgura li l-istrateġija, il-linji ta' politika u l-attivitajiet tagħha jkunu jaqblu mal-għanijiet u l-iskopijiet tal-ippjanar ekonomiku nazzjonali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien, u direttivi ġenerali tal-Gvern u tal-Ministeru....*'

L-artikolu 5(1) tal-Kap. 499 jistabbilixxi l-imsemmija funzjonijiet u poteri tal-Awtorita' u fosthom insibu s-segwenti funzjonijiet:

- li tagħti parir lill-Ministru dwar l-iżvilupp ta' linji ta' politika għar-rigward tat-trasport u li tagħti pariri lill-Ministru dwar dak kollu li jkollu x'jaqsam mal-funzjonijiet tagħha skont il-liġi;
- li tiżgura li l-linji ta' politika dwar trasport li jkunu ġew adottati mill-Ministru jiġu implimentati u li skemi ta' trasport lokali jkunu skont linji ta' politika dwar it-trasport nazzjonali;
- li tiżviluppa l-istrateġija meħtieġa sabiex tilħaq il-linji ta' politika, strateġiji u objettivi stabbiliti mill-Gvern;
- li tilliċenza u tirregola kull ajruplan, dgħajsa, vapur, jott, jew vettura u li tirregola l-użu tagħhom;
- biex tapplika jew iddaħħal fis-seħħ kull konvenzjoni internazzjonali jew kull ftehim ieħor internazzjonali lil-Gvern ikun, jew ikun bi ħsiebu jsir, parti minnhom;
- li timplimenta kull obbligu tal-Komunità Ewropea li jkollhom x'jaqsmu ma' ħwejjeġ marbuta mal-funzjonijiet tagħha.[6]

Għandu jingħad ukoll illi bħala korp stabbilit mil-liġi biex twettaq il-funzjonijiet speċifiċi dettaljati fil-Kap. 499, l-Awtorita, fil-qadi ta' dawn il-funzjonijiet, taġixxi skont l-istruzzjonijiet u direttivi tal-Ministru responsabbli u tirrapporta lill-istess Ministru, skont kif jiddisponi l-artikolu 11(1) tal-Kap. 499:-

*'Il-linji ta' politika li għandhom ikunu segwiti u d-deċiżjoni dwar materji ta' politika għandhom ikunu l-prerogattiva tal-Ministru. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-Ministru u l-Awtorità dwar jekk xi materja partikolari tkun jew ma tkunx materja ta' politika, id-deċiżjoni tal-Ministru għandha tkun finali ...'*

Kemm hu hekk:-

---

Imbagħad, fis-sit elettroniku ta' Transport Malta, wieħed isib is-segwenti stqarrija dwar il-funzjoni tal-Awtorita':- *'The Authority's mission is to promote and develop the transport sector in Malta by means of proper regulation and by promotion and development of related services, businesses and other interests both locally and internationally.'* - https://www.transport.gov.mt/transport-malta/about-us.

*'Jekk l-Awtorità tonqos milli tħares xi direttiva maħruġa taħt dan l-artikolu, il-Prim Ministru jista' jagħmel ordni li jkun jittrasferixxi lill-Ministru, għal kollox jew f'parti, kull waħda mill-funzjonijiet tal-Awtorità f'liema każ dawk il-funzjonijiet jistgħujiġu eżerċitati mill-Ministru permezz tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità u permezz tad-Direttorati, uffiċjali u impjegati oħra tagħha.'*

Kif ingħad qabel, il-liġi tal-malafama tapplika mhux biss għal persuni naturali iżda wkoll għal soċjetajiet u korpi oħrajn li joperaw bi qligħ - anke jekk l-attivita' li tiġġenera l-profitt tkun tifforma biss parti żgħira mill-operazzjonijiet tal-korp – bil-għan li jiġi tutelat is-suċċess kummerċjali u l-vijabbilita' ta' kumpanniji għall-benefiċċju tal-azzjonisti u impjegati tagħhom u għas-soċjeta' in ġenerali. Korp ġuridiku jew morali ma jistax isofri ħsara fir-relazzjonijiet soċjali tiegħu jew ħsara emozzjonali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet malafamanti, iżda jista' jsofri ħsara biss f'termini finanzjarji ċioe' fit-tnaqqis fil-valur tal-assi, inkluż *goodwill* tal-korp liema tnaqqis issarraf fl-aħħar mill-aħħar f'telf ta' profitti.

Iżda la l-Gvern u lanqas l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ma huma ċittadini privati jew persuni pubbliċi u, fil-fehma tal-Qorti, lanqas m'huma entitajiet kummerċjali li joperaw għal profitt jew għall-benefiċċju finanzjarju ta' xi azzjonisti jew soċji. Effettivament, bħala korp stabbilit mil-liġi, l-Awtorita' ma għandha l-ebda benefiċċjarji, u l-vijabbilita' finanzjarja tagħha ma tiddependix minn suċċess kummerċjali jew minn xi qligħ li tiġġenera, u ma għandhiex *goodwill*, ishma jew assi oħrajn b'valur kwantifikabbli li jista' jsofri deprezzament f'termini monetarji u jwassal allura għal telf jew diminuzzjoni fil-finanzi tagħha minħabba l-pubblikazzjoni xi stqarrija malafamanti.

Fil-fatt, skont l-artikolu 24(2) tal-Kap. 499 filwaqt li n-nefqa meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tal-Awtorita' għandha titħallas kemm jista' jkun mid-dħul tagħha iġġenerat mill-ħlas ta' liċenzi, drittijiet, rati u ħlasijiet oħra dovuti lilha, f'każ li l-Awtorita' ma tiġġenerax dħul jew eċċess ta' dħul fuq l-infiq, għal kwalsiasi raġuni li jkun, ma tbati l-ebda konsegwenza jew telf għaliex il-Kap. 499 jipprovdi li l-ispejjeż

meħtieġa għall-proġetti imwettqin minnha jitħallsu mill-Gvern mill-Fond Konsolidat, filwaqt li l-Ministru reponsabbli għall-finanzi jista' jgħaddi lill-Awtorità dawk is-somom li jkunu meħtieġa mill-Awtorità biex taqdi kull funzjoni tagħha skont il-liġi. Ukoll, diversament minn korp morali jew legali, kull eċċess ta' dħul fuq l-infiq tal-Awtorita', jiġi applikat mhux għall-ħlas tal-profitti lill-azzjonisti – li ma jeżistux - iżda għall-formazzjoni ta' fondi ta' riżerva li jintużaw għall-għanijiet tal-Awtorità jew trasferit lill-Gvern jew investit skont kif jista' jiġi ordnat mill-Ministru responsabbli[7].

Minn dan kollu hu ovvju għall-Qorti li l-Awtorita' għat-Trasport Malta, bħala korp stabbilit bil-liġi u mmexxi mill-Gvern permezz tal-membri maħturin direttament mill-Ministru responsabbli mill-portafoll tat-trasport, m'hijiex korp li jopera għall-qligħ għall-fini tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, u għalhekk ma tista' qatt tbati telf finanzjarju bħala riżultat tal-pubblikazzjoni ta' xi stqarrijiet malafamanti. L-Awtorita' m'hi xejn għajr istituzzjoni governattiva li twettaq biss funzjonijiet pubbliċi għan-nom tal-Gvern bl-użu u applikazzjoni tal-finanzi tal-Istat u l-Qorti tqis li ftit jista' jkun hemm skop ta' tutela tar-reputazzjoni ta' entita' li ma toperax għal profitt, wisq inqas entita' li hija istituzzjoni governattiva jew tal-pubblika amministrazzjoni.

Il-Qorti tqis illi għalkemm l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ma tifformax parti mill-Gvern Ċentrali u mhijiex effetivament, fergħa tal-Gvern Ċentrali, iżda korp stabbilit bil-liġi, jgħoddu għalih l-istess prinċipju li la l-Gvern u lanqas dipartimenti u entitajiet tal-Gvern, fosthom dawk li għandhom status ta' korporazzjoni, ma jistgħu jressqu 'l quddiem azzjoni għal malafama għall-ħlas ta' danni morali b'kumpens għall-ħsara lir-reputazzjoni, għaliex ma għandhomx reputazzjoni li tista' tiġi skreditata moralment f'għajnejn is-soċjeta' in ġenerali b'riżultat tal-pubblikazzjoni ta' stqarrijiet diffamatorji u b'hekk issirilha l-ħsara fit-termini tal-artikolu 3(4) tal-Kap. 579.

Gatley jgħid hekk dwar il-persuni li jistgħu u li ma jistgħux iressqu azzjoni għal malafama:-

---

[7] Art. 24(4) tal-Kap. 499.

"*While a trading corporation is clearly a 'body that trades for profit', the Act is not limited to such entities: any non-natural person that trades for profit whether that is their only or merely a minor part of their purpose, will be covered. Thus, charities may fall within the provision, in so far as they are involved in trade for profit, as may non-governmental organisations, trade unions and employers' associations, and public bodies.* ***Governmental and some other bodies performing public functions are prevented completely from suing for defamation and s.1(2)[8] does not change the law in this respect.***"

F'kull każ, billi l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta ma ressqet ebda prova li hija sofriet xi telf materjali jew danni reali b'konsegwenza tal-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża, l-azzjoni tiegħu għandha tfalli irrimedjabbilment.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tirravviża raġuni oħra il-għaliex l-azzjoni għal malafama istitwita minn Awtorita' governattiva għandha tfalli.

Fid-deċiżjoni fil-każ **Derbyshire County Council v. Times Newspapers Ltd.**[9], fejn il-Kunsill lokali ressaq azzjoni għal malafama wara artikolu li fih ġie kritikat il-mod kif kienu qed jintefqu fondi pubbliċi allokati lilu, il-House of Lords ikkonkludiet **illi l-organi tal-gvern m'għandhomx jedd ta' azzjoni għal malafama**: dan mhux tant għaliex il-prospett ta' ħsara huwa kompletament ineżistenti[10], iżda għaliex l-eżerċizzju ta' jedd bħal dak minn istituzzjonijiet tal-gvern li jkunu demokratikament eletti, huwa meqjus mhux biss bħala inkonsistenti mal-ispirtu u l-prinċipji bażilari tal-liġi tad-diffamazzjoni, iżda wkoll bħala mezz li bih jiġi mminat il-jedd tal-liberta' tal-

[8] Ekwivalenti għall-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.
[9] (1993) AC 534. Din id-deċiżjoni qalbet il-preċedent li kien ġie stabbilit bid-deċiżjoni fil-każ *Bognor Regis Urban DC v Campion* [1972] 2 Q.B. 169 fejn kien ingħad li korporazzjonijiet li jaħdmu ma' gvernijiet lokali u entitajiet tal-gvern, kellhom "a governing reputation" li kienet protetta taħt il-liġi tad-diffamazzjoni.
[10] Fil-fatt Gatley jagħti l-eżempju ta' stqarrija pubblikata b'allegazzjoni ta' trattament ħażin ta' impjegati, fejn allura jista' jiġi ravviżat ħsara konsistenti fil-kapaċita mnaqqsa ta' reklutaġġ ta' ħaddiema.

espressjoni. Jedd li jassumi importanza fondamentali f'dibattiti dwar materji ta' interess pubbliku, liema materji, bħalma huwa magħruf, jinkludu:-

«*... matters relating to the public life of the community and those who take part in it, including ... activities such as the conduct of the government and political life, elections and public administration ... [and] more widely ... the governance of public bodies, institutions and companies which give rise to a public interest in disclosure, but excluding matters which are personal and private, such there is no public interest in their disclosure*."[11]

Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:-

*"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ...*"[12]

Fil-fatt, fid-deċiżjoni suċitata f'azzjoni ta' diffamazzjoni mnedija minn Kunsill Lokali[13], Lord Keith qal hekk:-

"*What has been described as "the chilling effect" induced by the threat of civil actions for libel is very important. Quite often the facts which would justify a defamatory publication are known to be true, but admissible evidence capable of proving those facts is not available. This may prevent the publication of matters which it is very desirable to make public*".

Għandu jingħad illi l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) huwa riproduzzjoni kważi *verbatim*, talanqas safejn għandhom x'jaqsmu d-dispożizzjonijiet relevanti, tad-

---

[11] (2001) 2 AC 127 (HL) 205 p. 176-177 per Lord Bingham: **Reynolds v. Times Newspapers Limited**, il-Qorti tal-Appell (EWCA).
[12] *Supra*, 15.6, p. 645, 646.
[13] **Derbyshire County Council v. Times Newspapers Ltd.**

Defamation Act UK (2013) u l-Qorti tqis illi l-kummentarju ta' ġuristi Ingliżi u l-każistika tal-Qrati Inglizi in materja huma relevanti, utili u pertinenti u għandhom iservu ta' gwida għall-fini tal-interpretazzjoni tal-prinċipji legali ġodda li ġew introdotti fis-sistema ġuridika domestika bis-saħħa ta' din il-leġislazzjoni (Att XXXI tal-2018).

Fir-rigward huwa relevanti wkoll dak li ntqal mill-Qorti Suprema tal-Awstralja fid-deċiżjoni fil-każ **Ian Robertson v. John Fairfax Publications Pty. Ltd et**[14], fejn ġiet ċitata b'approvazzjoni s-segwenti silta mid-deċiżjoni fil-każ **Ballina Shire Council v Ringland** (1994) 33 NSWLR 680:-

"*The idea of a democracy is that people are encouraged to express their criticisms, even their wrong-headed criticisms, of elected governmental institutions, in the expectation that this process will improve the quality of the government. The fact that the institutions are democratically elected is supposed to mean that, through a process of political debate and decision, the citizens in a community govern themselves.* ***To treat governmental institutions as having a 'governing reputation' which the common law will protect against criticism on the part of the citizens is, to my mind, incongruous****.*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Fil-fatt, il-Qorti taqbel illi jekk il-fondi tal-Istat, li huma wara kollox derivati minn xejn inqas mit-taxxi mħallsin mill-poplu, ċittadini tal-Istat, jitħallew jintużaw biex jitressqu azzjonijiet għal malafama kontra dawk l-istess ċittadini għaliex ikunu kkritikaw jew ikkundannaw l-amministrazzjoni pubblika, anke jekk inġustament, dan ikun jikkostitwixxi interferenza gravi fl-eżerċizzju tal-jedd tal-espressjoni libera tal-opinjoni. Hija wkoll tal-fehma illi dan il-prinċipju għandu jsib applikazzjoni stretta f'każijiet fejn l-istqarrijiet impunjati jikkonċernaw il-funzjonijiet amministrattivi tal-awtorita' pubblika jew governattiva, fosthom l-infiq u l-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi allokati lilha, u t-trasparenza u t-trattament non-diskriminatorju fil-qadi taċ-ċittadin li juża s-servizzi tal-awtorita' jew entita'.

[14] 29 ta' April 2004.

Skont Collins:-

"*The rationale of the prohibition* [that democratically elected bodies and their organs, such as departments of central government and local authorities, may not maintain actions for defamation] *is that it is of the highest public importance that such bodies be open to uninhibited public criticism.*"[15]

Għaldaqstant, għandu raġun ukoll il-konvenut fis-sitt paragrafu tar-Risposta tiegħu safejn hi indirizzata fil-konfront tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, fejn eċċepixxa li l-istqarrijiet tiegħu jikkonsistu f'analiżi valutattiva tal-operat tal-Awtorita' rikorrenti liema operat jaqa' fid-demanju pubbliku. Fil-fatt, fil-każ in diżamina jirriżulta illi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet tal-konvenut fl-istqarrijiet ippubblikati minnu fuq Facebook, hija, evidentement, l-amministrazzjoni ħażina mill-membri tal-Awtorita' li japplikaw b'mod qarrieqi u diskriminatorju d-dispożizzjonijiet legali taħt L.S. 368.02 fil-konfront tal-burdnara.

Għaldaqstant, it-talbiet tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama sejrin jiġu miċħuda.

B'dan kollu iżda, il-Qorti m'hijiex qiegħda tfisser li l-fatt waħdu li korp li jirċievi jew jiġi allokat fondi pubbliċi, bħal universita' jew skola tal-istat, għandu jimpedih *a priori* milli jeżerċita azzjoni għal malafama.

Lanqas qiegħda tgħid li indivdwu li huwa membru jew uffiċjal ta' entita' governattiva, huwa prekluż milli jressaq azzjoni bħal din jekk jintwera li l-istqarrijiet impunjati dwar l-entita' huma kapaċi jinftiehmu bħala referenza għall-individwu personalment u mhux bħala rappreżentant tal-entita' governattiva, bħalma tabilħaqq għamel l-attur Pierre Montebello, Chief Offcer tal-Land Transport Directorate tal-Awtorita' għat-

[15] Fil-fatt, fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema f'Ontario fil-każ **Halton Hills (Town) v. Kerouac** (2006) 80 OR (3d) 577 (ONSC), kien ġie ritenut *"… the starting position, at common law, is that statements made about government are absolutely privileged."*

Trasport f'Malta, li wara kollox ġie msemmi u identifikat espressament fl-istqarrija impunjata.

Ikkunsidrat;

Illi fil-fatt, l-attur l-ieħor f'din l-azzjoni, li wkoll ħassu aggravat bid-dikjarazzjonijiet ippubblikati mill-konvenut, huwa Pierre Montebello, Chief Offcer tal-Land Transport Directorate tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li, kif rajna, huwa identifikat b'ismu fl-istqarrija pubblikata mill-konvenut fid-9 ta' Marzu 2021.

Il-Qorti għandha qabel tistabbilixxi l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet li jitnisslu minn qari sempliċi tal-istqarrija impunjata: "*Ingann kbir hemm taħt Pierre Montebello*".

Fil-fehma tagħha, l-imputazzjoni hi waħda faċilment identifikata mill-kliem innifsu tal-istqarrija, ċioe' li Pierre Montebello qed imexxi awtorita' governattiva b'ingann għad-detriment tal-pubbliku.

Huwa evidenti li Pierre Montebello, fir-rwol tiegħu ta' Chief Officer tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, huwa persuna pubblika li jokkupa kariga fl-amministrazzjoni pubblika, kariga li tesiġi li l-persuna li tokkupah jkun persuna serja, diliġenti u kompetenti, bil-ħiliet neċessarji biex tiġġestixxi awtorita' governattiva li għandha funzjonijiet wiesa' u strateġiċi fis-settur tat-trasport lokali, bi trasparenza, korrettezza kif ukoll etika.

Għalhekk, dikjarazzjoni li persuna b'kariga tant importanti jkun qed imexxi b'mod qarrieqi u abbużiv, istituzzjoni governattiva li teżisti sewwasew biex tipprovdi wkoll servizz essenzjali lill-pubbliku li m'għandhomx għażla ħlief jinqdew b'din l-entita' għall-ħtiġiet kollha konnessi mat-trasport, twassal imputazzjoni ta' kondotta illegali jew mhux etika da parti tal-persuna u imputazzjoni li din il-persuna tikkonduċi l-

affarijiet ta' awtorita' governattiva b'mod irregolari u diżonest. Għall-Qorti, imputazzjoni bħal din għandha, b'mod ġenerali, propensita' diffamatorja.

Iżda fl-istess ħin, in-natura pubblika tal-kariga okkupata mill-attur, li huwa uffiċjal ta' korp stabbilit mil-liġi imħallas minn fondi pubbliċi, iġġib magħha obbligu ta' kontabbilita' fit-twettiq tal-kariga, obbligu li inevitabbilment jesponih għall-kritika tal-pubbliku b'rabta mad-deċiżjonijiet li jittieħdu fit-tmexxija tal-Awtorita' u għaldaqstant, huwa mistenni li jittollera parametri iktar wiesa' ta' kritika milli hija mistennija tittollera persuna privata.

Kif diġa' ngħad qabel, biex stqarrija titqies bħala diffamatorja għall-fini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (artikolu 3(4) tal-Att), din trid tikkaġuna jew ikollha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u għall-prova tal-ħsara serja, jeħtieġ li jiġi stabbilit il-konkorrenza ta' iktar minn fattur wieħed.

Fir-rigward ingħad hekk[16]:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication.*"[17]

Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, dak li hu żgur hu illi bl-introduzzjoni ta' kriterji specifici fosthom ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, għall-

---

[16] Gatley, *ibid.* 2.4, pg. 39.

[17] Dwar ir-rekwiżit tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk- "*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation*." - Gatley, *ibid.* 2.6, pg. 41.

azzjonabbilita` tal-allegat malafama, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248). Hi għalhekk il-fehma tal-Qorti illi l-prova tas-serjeta` tal-ħsara jew il-potenzjal ta' ħsara serja, hija *sine qua non* u fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama.

**Dan ifisser illi n-natura diffamatorja tal-istqarrijiet trid tiġi mistħarrġa u determinata b'referenza u mill-ottika mhux biss tal-effett tal-istqarrijiet fuq il-qarrejja jew udjenza li qraw jew kienu esposti għalihom, iżda wkoll l-effett fuq ir-reputazzjoni tal-persuna aggravata**.

Skont kif ġie mfisser fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, il-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act (2013), li hu l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku, għall-azzjonabbilita' tal-malafama, ifisser li llum jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred. This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*[18]

[18] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.

Ġie ritenut ukoll f'Lachaux, illi mhux biżżejjed bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja (u telf finanzjarju serju f'każ ta' korp li jopera għal profitt), li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, għaliex jeħtieġ addizzjonalment għas-suċċess tal-azzjoni li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[19].

*A contrariu sensu*, fejn il-kliem infushom tal-istqarrija impunjata ma jnisslux tifsira diffamatorja, l-azzjoni ma tistax tirnexxi anke jekk il-kriterju ta' ħsara serja jew telf finanzjarju serju attwali jew imminenti jkun ġie ppuvat, għaliex iż-żewġ kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi, li jfisser li l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni u, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju, għandha tiġi stabbilita indipendentement u b'żieda mal-prova tat-tifsira diffamatorja tal-istqarrijiet impunjati.

Il-Qorti diversi drabi riteniet illi l-istharriġ dwar l-element tal-ħsara serja jew telf finanzjarju serju għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u dan mill-Qorti *sua sponte* mingħajr il-ħtieġa li titressaq eċċezzjoni *ad hoc* fir-rigward, u dan ghaliex il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirriżulta li l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji meħtieġa mil-liġi ghas-suċċess taghhom, l-azzjoni tista' xorta waħda tfalli t-test stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att jekk jirriżulta illi wara kollox il-pubblikazzjoni ma rrekatx u m'hijiex kapaċi li tirreka, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.

Fi kliem Collins[20], din ir-regola: "… *operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where* ***the claimant cannot demonstrate that he or she***

[19] Ibid. para. 21 tad-deċiżjoni.
[20] Collins: On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56

***has suffered or likely to suffer,*** *serious reputational harm or,* ***in the case of a body that trades for profit, serious financial loss***." [emfasi tal-Qorti]

Illi fid-deċiżjoni msemmija qabel, **Lachaux v. Independent Print Limited**, il-Qorti tal-Appell[21] kienet trattat l-ipotesi fejn, indipendentement mit-tifsira diffamatorja tal-kliem impunjati, il-kejl ta' ħsara reputazzjoni serja ma jintlaħaqx, per eżempju fejn in-numru ta' persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-allegat malafama tkun minima jew limitata ħafna u ma jiġix ippruvat illi din ġiet perkolata u li naqqset l-istima tal-persuna aggravata f'għajnejn persuni oħrajn. Kif rajna, il-kliem tal-istqarrija tal-konvenut huma inerentement kapaċi li jitqiesu bħala diffamatorji iżda xorta waħda jinħtieġ il-prova li l-ħsara lir-reputazzjoni hi wkoll serja.

Fil-każ **Yeo v. Times Newspapers Limited** (2015) EWHC 2132 QB, il-Qorti ġibdet inferenza li l-pubblikazzjoni ġiet moqrija minn numru suffiċjenti ta' qarrejja mill-fatt illi din saret f'gazzetta nazzjonali b'ċirkolazzjoni sostanzjali u mill-fatt illi l-artikoli impunjati kienu ngħataw prominenza.[22] Warby J. qal hekk:-

"*The essential issues for determination at a trial, on the pleaded case as it stands, will be ... (b) is the number of such readers sufficient to make the publication on 23 June a real and substantial tort?*"

Iżda fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-istqarrija ma ġietx ippubblikata fuq mezz tal-midja tal-massa (*mass media*) ċioe' fuq gazzetta jew mezzi tradizzjonali tal-istampa jew fuq *online news portal* fejn l-aċċess għal midja bħal dawn huwa liberu u mhux limitat u teżisti presunzjoni ta' ċirkolazzjoni u qari estensiv u fejn, allura, ma jeħtieġx li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni. Għalkemm l-attur isostni li l-istqarrija ġiet ippubblikata fuq Facebook, naqas milli jispeċifika lil min jappartjeni l-paġna li fuqha din ġiet ippubblikata u fix-xhieda tiegħu ma jsemmi assolutament xejn fir-rigward. Huwa minnu li d-dokument esebit minnu (Dok. PM1)

[21] (2017) EWCA Civ. 1334.
[22] Gatley, Second Supplement to the 12th Ed. (2017) - 7.3 p. 66/67.

huwa intestat "*Transport Malta's post*" iżda huwa naqas milli xi jispjega xi jfisser 'Transport Malta's post' u jekk dan ifissirx li l-*post* ġie ppubblikat fuq il-paġna uffiċjali fuq Facebook ta' Transport Malta, u, jew altrimenti fuq paġna oħra b'konnessjoni mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, jew jekk il-pubblikazzjoni saritx fuq paġna fuq Facebook tal-konvenut jew ta' xi ħaddieħor in konnessjoni ma' l-operat ta' Transport Malta.

Iktar minn hekk, ma nġiebet ebda prova dwar in-numru ta' persuni li kienu jsegwu l-profil jew paġna li fuqha saret il-pubblikazzjoni, biex jintwera li l-istqarrija impunjata ġiet ippubblikata lil udjenza sinjifikanti, jew lil klassi ta' persuni li għad ta' numru żgħir, l-effett tad-dikjarazzjoni jkun ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tagħhom. Prova bħal din fil-fehma tal-Qorti hija determinanti għall-prova tal-kriterju tal-ħsara serja ċioe' l-prova li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija allegament malafamanti ikkaġunat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. In mankanza ta' prova bħal din, il-Qorti ma tistax tinferixxi li din id-dikjarazzjoni waslet għall-attenzjoni jew ġew ċirkolati b'mod estensiv b'mod li hija ppruvata pubblikazzjoni fuq skala wiesa' biżżejjed biex tissostanza l-allegazzjoni li l-atturi sofrew ħsara reputazzjonali sejra b'riżultat tal-pubblikazzjoni.

Gatley jgħid ukoll in propositu illi *"... a claim may fail not only because the imputation was not of sufficient gravity of itself to cause serious harm to reputation* ***but also because its publication was very limited and accordingly any harm to reputation was minimal****."*[23]

Il-Qorti tqis illi n-normi ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni japplikaw ugwalment għal pubblikazzjonijiet fuq Facebook u pjattaformi oħrajn ta' komunikazzjoni fuq midja soċjali, iżda f'każ ta' pubblikazzjoni fuq mezz bħal dan irid jintwera illi l-pubblikatur

[23] *Ibid.* 2.6, note 56 (Second Cumulative Supplement to the Twelfth Edition), page 11. Emfasi tal-Qorti. Jgħid ukoll:- "*While it is the case at common law that substantial damages should be awarded even where on the evidence it is shown that the claimant has suffered limited damage or no damage at all, the requirement in s1(1) that serious harm to reputation be proved as a condition of actionability, means that cases were there is little tangible evidence or likelihood thereof will usually fail.*" – 2017 Second Supplement – 3.6 p. 23.

għandu udjenza estensiva għaliex jekk ma jintweriex li l-istqarrija impunjata waslet għand numru kbir ta' qarrejja jew li rċieva numru konsiderevoli ta' *likes* jew *views* – ħaġa li tista' tkun indikattiva tal-livell tal-ħsara reputazzjonali - dan jista' jkun ostakolu għall-prova ta' ħsara serja lir-reputazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni. F'dan il-każ izda l-attur ma ressaq ebda prova li l-istqarrija tal-konvenut ġiet ċirkolata b'mod estensiv biżżejjed biex jgħodd bħala prova ta' pubblikazzjoni fuq skala wiesa' biżżejjed biex tissostanzja l-allegazzjoni li huwa sofra ħsara reputazzjonali serja b'riżultat tal-pubblikazzjoni in diżamina u l-fatt li l-*post* impunjat ġie *shared* erba' darbiet biss ikompli jnaqqas mill-prova dwar l-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni.

L-attur naqas ukoll milli jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu dwar ħsara serja lir-reputazzjoni u speċifikatament li saritlu "*ħsara kbira serja kemm personalment kif ukoll professjonalment bħala uffiċjal pubbliku*" u ma ressaq ebda prova jew xhieda biex juri l-impatt tal-pubblikazzjoni impunjata fuq ir-reputazzjoni tiegħu.

Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti li l-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur Pierre Montebello ma ġiex ippruvat u dan in-nuqqas għandu jitqies bħala ostakolu fondamentali għall-prova tad-diffamazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni tal-attur Pierre Montebello.

**Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut fil-paragrafu (g) fir-Risposta tiegħu u għar-raġunijiet imfissrin f'din is-sentenza, qiegħda tiċħad it-talba tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta. Tiċħad ukoll it-talba ta' Pierre Montebello stante li hija nieqsa l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**